MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 662/2012

**Mobisle Communication Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Farrugia Margaret**
**ID 381559M**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Settembru, 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi 'l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tnax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€412.53) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C51092524* moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru *A/C51092524* u Dok

IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta’ l-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12. Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra ‘l-konvenuta li minn issa hija ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tas-6 ta’ Marzu, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tnax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€412.53) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.
L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------